# IL-ĠUSTIZZJA F'DINJA INĠUSTA



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# IL-ĠUSTIZZJA
# F'DINJA INĠUSTA

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as],
Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# Justice in an Unjust World
# In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2019)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel**: +356-27342401 - **Mob:** +356-79320139
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-28-5

Il-Qoxra: Nadzlanimages | Shutterstock

# Introduzzjoni

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Ahmadiyya Musulmana. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as].

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'212-il pajjiż.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità.

Fit-28 t'Ottubru 2016, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], għamel diskors storiku fl-Università ta' York f'Toronto quddiem udjenza ta' aktar minn 180 ruħ, li kienet tinkludi akkademiċi, politikanti, mexxejja tal-midja u ħassieba prominenti. L-avveniment, intitolat **"Il-Ġustizzja f'Dinja Inġusta"**, kien organizzat mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Kanadiża b'kollaborazzjoni mal-Università ta' York.

Hawnhekk se nippreżentaw it-traskrizzjoni tal-indirizz prinċipali magħmul mill-Qdusija Tiegħu.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, qal:

“*Bismillahir Rahmanir Raheem* – F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.

Intom mistednin distinti kollha,

*Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-paċi u l-barkiet ta’ Alla jkunu fuqkom ilkoll.

Illum id-dinja ta’ madwarna qed tevolvi u timxi ’l quddiem il-ħin kollu. Bla dubju ta’ xejn, f’dawn l-aħħar deċennji, id-dinja għamlet avvanzi kbar speċjalment fil-qasam tat-teknoloġija. Kuljum qed jiġi żviluppat tagħmir ġdid fit-teknoloġija moderna u jsiru skoperti fil-qasam tax-xjenza. Il-progress qed iseħħ f’ħafna oqsma tal-ħajja tagħna. Pereżempju, qed isir progress mgħaġġel kontinwament f’mezzi aktar moderni ta’ komunikazzjoni u l-elettronika. Ir-riċerka u l-iżvilupp li qed iseħħu qed iġibu aktar kumditŕ u għalhekk qed jagħmlu ħajjitna aktar faċli.

Dan kollu juri li l-bnedmin kapaċi ħafna biex jużaw l-intelliġenza tagħhom u jħaddmu moħħhom biex javvanzaw u jżidu l-produttività, l-effiċjenza u l-kumditajiet personali. Madanakollu, ninnotaw b'dispjaċir kbir li fi żmien meta l-umanità qed tavvanza b'pass daqshekk mgħaġġel, in-nies qed jitbiegħdu minn xulxin u jsiru aktar mifruda minn qatt qabel. Il-paċi u l-istabbiltà fid-dinja qed jitqiegħdu fil-periklu u jiġu mminati kuljum. F'xi pajjiżi, il-mexxejja u l-gvernijiet qed joħonqu d-drittijiet tal-popli tagħhom, qed jaħqruhom u jwettqu ħafna inġustizzji magħhom. B'risposta, il-membri tal-pubbliku qed juru l-oppożizzjoni tagħhom u għalhekk qed jinbtu ħafna gruppi ribelli.

Aktar minn hekk, iż-żoni ta' kunflitt huma postijiet fertili għall-gruppi terroristiċi u estremisti, u għalhekk dawn il-gruppi nibtu f'ħafna pajjiżi. F'xi każijiet, fejn hemm inkwiet ċivili, xi gvernijiet barranin qed iżommu mal-mexxejja tal-pajjiż, filwaqt li gvernijiet oħra qed jgħinu lill-gruppi tar-ribelli. Għaldaqstant, iż-żewġ naħat qed jirċievu għajnuna barranija kemm fid-dieher kif ukoll bil-moħbi, u r-riżultati qegħdin hemm biex jarahom kulħadd – tixrid ta' demm, vjolenza u qtil bla ħniena ta' nies innoċenti.

Fejn it-teknoloġija moderna ntużat għar-risq tal-umanità, hekk ukoll intużat bħala sors ta' ħażen u qirda. Tant żviluppat it-teknoloġija li din għandha l-kapaċità li teqred pajjiżi sħaħ b'għafsa ta' buttuna. Naturalment,

**FEJN IT-TEKNOLOĠIJA MODERNA NTUŻAT GĦAR-RISQ TAL-UMANITÀ, HEKK UKOLL INTUŻAT BĦALA SORS TA' ĦAŻEN U QIRDA. TANT ŻVILUPPAT IT-TEKNOLOĠIJA LI DIN GĦANDHA L-KAPAĊITÀ LI TEQRED PAJJIŻI SĦAĦ B'GĦAFSA TA' BUTTUNA.**

jiena qed nirreferi għall-iżvilupp ta' armi ta' distruzzjoni tal-massa li huma kapaċi li joħolqu l-aktar diżastri tal-biża', li wieħed lanqas biss jista' jimmaġinahom. L-armi li qegħdin jipproduċu llum, mhux biss għandhom il-kapaċità li jeqirdu ċ-ċiviltà, iżda wkoll li jħallu legat ta' miżerja għall-ġenerazzjonijiet futuri. Fid-dinja tal-lum, nesperjenzaw il-gideb u l-ipokrisija f'kull saff tas-soċjetà u n-nuqqas ta' paċi li jirriżulta minn dan kollu huwa kawża ta' tħassib kbir kif ukoll diqa għal dawk in-nies li ġenwinament iħossu l-uġigħ tal-umanità. Bħala mexxej ta' komunità Musulmana dinjija, huwa dan il-punt li jinkwetani u jħassibni aktar minn kollox.

Bħala mexxej Musulman, huwa ta' dispjaċir kbir għalija li d-diżordni li hawn illum qed tiġi assoċjata ma' dawk hekk imsejħa Musulmani u għaldaqstant mal-Iżlam. Minn naħa, ħafna mill-gwerer missielta u l-ħajjiet mitlufa jseħħu fid-dinja Musulmana, filwaqt li min-naħa l-oħra, dawk hekk imsejħa Musulmani firxu issa n-netwerks ta' terrur tagħhom aktar 'il bogħod u qed joqtlu nies innoċenti hawnhekk fil-Punent. Hija traġedja b'dimensjonijiet massivi li dawn in-nies qed jippruvaw jiġġustifikaw b'mod falz l-atti ħżiena u mimlija mibegħda tagħhom f'isem l-Iżlam. Aktar milli jservu l-Iżlam, kulma qed jagħmlu huwa li jimmalafamaw ir-reliġjon.

Il-verità hija li t-tifsira proprja tal-kelma "Iżlam" hija "paċi, sigurtà u mħabba". Minħabba dan, irridu naċċettaw li jew l-atti kundannabbli tat-terroristi u l-estremisti

huma għalkollox kontra t-tagħlim tal-Iżlam jew inkella, minkejja t-tifsira ta' "paċi", l-Iżlam huwa fil-fatt reliġjon li tiddefendi l-estremiżmu u l-vjolenza. Biex ngħarblu liema minn dawn il-proposti hija korretta, irridu naraw eżatt x'inhu t-tagħlim vera tal-Iżlam. Irridu nħarsu lejn is-sors primarju tal-Iżlam, il-Ktieb Qaddis, il-Koran Imqaddes u, aktar minn hekk, l-imġiba u l-eżempji tal-Fundatur tiegħu, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Għalhekk, fil-ħin disponibbli għalija, se nippreżentalkom issa t-tagħlim veru tal-Iżlam u mbagħad nisperaw li intom tkunu f'pożizzjoni li tifhmu jekk l-inkwiet u l-kunflitti li qed jifilġu d-dinja tal-lum humiex riżultat tat-tagħlim tal-Iżlam jew konsegwenza talli tbegħedna minnu. Matul il-ħajja tiegħu, il-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], sejjes, bi ftit kliem, il-pedamenti għall-paċi fid-dinja u bejn in-nazzjonijiet.

**Il-Profeta tal-Iżlam[sa] stqarr li persuna għandha tixtieq għal ħaddieħor dak li tkun tixtieq għaliha nnifisha.**

Jiena nemmen li dan il-prinċipju kardinali jgħodd ħafna għal-lum daqskemm kien jgħodd għall-imgħoddi. Bla dubju, kull persuna tixtieq li tgħix fis-sliem u tkun eżentata mill-ansjetajiet u l-inkwiet kollu. Kull persuna tittama li hu jew hi jkollha l-mezzi biex tgħix komda u mingħajr tbatija. Kull persuna tfittex li tgħix il-ħajja b'mod san ħalli tkun tista' tgawdi ħajjitha mingħajr uġigħ u diffikultajiet.

Kull persuna tixtieq li jkollha pożizzjoni tajba fil-komunità u li jkollha r-rispett ta' kulħadd. Hekk ukoll, kull gvern u kull nazzjon ifittex din il-prosperità. Madanakollu, kemm hawn nies jew nazzjonijiet li verament jixtiequ l-paċi, il-prosperità u s-suċċess għall-oħrajn?

F'termini ta' dikjarazzjonijiet verbali, huwa faċli li wieħed jistqarr "Iva aħna nixtiequ l-ġid tal-oħrajn", madanakollu fil-prattika dan huwa ħafna aktar diffiċli biex jitwettaq. Kull meta jkun hemm kunflitt ta' interess, ħafna nies għandhom it-tendenza li l-ewwel jieħdu ħsieb l-interessi u l-ġid tagħhom qabel il-jeddijiet ta' ħaddieħor. Dan huwa minnu fuq livell individwali kif ukoll fuq livell kollettiv u nazzjonali. Illum, aktar milli altruwiżmu, sfortunatament naraw aktar egoiżmu. Ħafna nies u pajjiżi jqiegħdu l-ewwel id-drittijiet tagħhom u mal-ewwel ikunu lesti li jkagħbru u jiddegradaw il-jeddijiet ta' ħaddieħor biex jissodisfaw l-għanijiet u l-ambizzjonijiet tagħhom. Fejn tirrigwarda d-dinja Musulmana, huwa minħabba li l-mexxejja u n-nies warrbu t-tagħlim ġenwin tar-reliġjon tagħhom li issa huma maħkuma minn firda u ferment ikrah. Fi kliem sempliċi, il-mexxejja fallew fid-dmirijiet tagħhom li jipproteġu n-nies tagħhom u, għalhekk, elementi ribellużi wkoll tbiegħdu minn dak li hu sewwa u ġust.

Aktar minn hekk, minflok ma jimxu fid-direzzjoni ta' ġustizzja u integrità, rajna kemm-il darba li l-qawwiet kbar fid-dinja moħħhom biss biex jissodisfaw l-interessi

**MADANAKOLLU, SKONT L-IŻLAM, IX-XEWQA U L-MOTIVAZZJONI TAGĦNA BIEX NISSODISFAW L-INTERESSI TAGĦNA GĦANDHOM DEJJEM IKUNU JAQBLU MAX-XEWQA U L-MOTIVAZZJONI TAGĦNA BIEX INĦARSU L-JEDDIJIET U L-INTERESSI TAL-OĦRAJN.**

tagħhom. Huma jiddeċiedu biex jgħinu lill-gvernijiet Musulmani jew il-gruppi tal-oppożizzjoni mhux minħabba dak kollu li hu sewwa u ġust, iżda skont liema naħa taqdi l-aħjar l-interessi tagħhom. Madanakollu, skont l-Iżlam, ix-xewqa u l-motivazzjoni tagħna biex nissodisfaw l-interessi tagħna għandhom dejjem ikunu jaqblu max-xewqa u l-motivazzjoni tagħna biex inħarsu l-jeddijiet u l-interessi tal-oħrajn. Jekk wieħed jaġixxi hekk, mela dan ikun il-prinċipju tad-deheb li jiftaħ il-bibien għall-vera paċi u sigurtà.

Biex tiġi stabbilita l-paċi, l-Iżlam jagħmel ukoll enfasi kbira fuq il-fatt li wieħed irid iħares dak kollu li jkun ġie fdat bih. Għaldaqstant, kapitlu 4, vers 59, tal-Koran Imqaddes jiddikjara:

> **"Tassew, Alla jamarkom li tgħaddu l-fondi lil dawk intitolati għalihom, u li, meta tiġġudikaw in-nies, tiġġudikawhom b'ġustizzja. U verament hija eċċellenti t-twiddiba li jagħmlilkom Alla! Alla Jara Kollox, Jisma' Kollox."**

F'dan il-vers, il-Musulmani ngħataw struzzjonijiet ċari biex iħarsu dak kollu li jiġi fdat f'idejhom. Dawn jinkludu ġuramenti li ttieħdu fuq livell personali u oħrajn li huma kollettivi. F'termini ta' rabtiet personali, persuna m'għandhiex taħkem il-proprjetà jew il-jeddijiet ta'

ħaddieħor jew tfalli milli twettaq ir-responsabbiltajiet li għandha lejn nies oħra. F'termini ta' rabtiet kollettivi, aspett importanti huwa d-dmir taċ-ċittadini li jaħtru rappreżentanti tal-Istat li huma jqisu li jistgħu jkunu ta' ġid kbir għall-pajjiż.

Meta niġu għall-elezzjonijiet jew għan-nominazzjonijiet, persuna m'għandhiex tivvota awtomatikament għal kollega jew membru tal-partit tagħha, iżda għandha tikkonsidra min hu l-aktar ikkwalifikat u adattat għal dik il-pożizzjoni. Minn hemm 'il quddiem, dawk li jiġu eletti u jingħataw id-dritt li jiggvernaw għandhom jaraw li jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'onestà, integrità, u ġustizzja.

Dan it-tagħlim huwa l-mudell ta' demokrazija li l-Iżlam jeċċella fih. F'kull soċjetà, hemm rabtiet u obbligazzjonijiet għal kulħadd, u biex is-soċjetà tiffunzjona sewwa, huwa neċessarju li ċ-ċittadini normali u l-mexxejja jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom lejn xulxin b'ġustizzja ġenwina. Kieku dawn il-prinċipji ġew imħarsa fid-dinja Musulmana kieku ma konniex naraw il-kunflitti u l-firda li jeżistu f'ħafna pajjiżi. Jiena nemmen personalment li dan il-prinċipju Kuraniku għandu valur universali u għandu jkun ta' fejda għad-dinja kollha u mhux biss għall-pajjiżi Musulmani.

Iċ-ċittadini tan-nazzjonijiet kollha għandhom jaraw li jtellgħu fil-parlamenti jew l-assemblej tagħhom dawk

F’KULL SOĊJETÀ,
HEMM RABTIET U
OBBLIGAZZJONIJIET
GĦAL KULĦADD,
U BIEX IS-SOĊJETÀ
TIFFUNZJONA SEWWA,
HUWA NEĊESSARJU LI
Ċ-ĊITTADINI NORMALI U
L-MEXXEJJA JWETTQU
R-RESPONSABBILTAJIET
TAGĦHOM LEJN XULXIN
B’ĠUSTIZZJA ĠENWINA.

il-persuni li huma jemmnu li se jaħdmu għall-iżvilupp u l-progress ta' pajjiżhom. Dan għandu jkun il-prinċipju ewlieni li għandna nżommu f'moħħna meta niġu biex nivvutaw għal individwi jew ideat partikolari, aktar milli nsegwu biss l-ideoloġija tal-partit jew relazzjonijiet personali. Jekk il-mexxejja ta' pajjiż ikunu dawk li verament ifittxu l-progress tan-nies tagħhom, aktar milli jkunu korrotti jew jiffokaw biss fuq l-interessi personali tagħhom, mela mbagħad ma jkunx hemm raġuni għala n-nies jirribellaw kontra l-gvernijiet tagħhom jew li jinqalgħu gwerer ċivili jew kunflitti.

Għalhekk, joħroġ minn dan kollu l-fatt li l-istess prinċipju tal-onorar ta' rabtiet u ġuramenti għandu jkun ta' prijorità għall-qawwiet maġġuri u istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Ġnus Magħquda. Nazzjonijiet dgħajfa ħafna drabi huma mġiegħla jistrieħu fuq l-għajnuna ta' pajjiżi aktar b'saħħithom u għonja, u għalhekk dawn tal-aħħar għandhom jaraw li jonoraw il-fiduċja li juru fihom il-pajjiżi anqas żviluppati minnhom ekonomikament. Għandhom verament jippruvaw jgħinuhom jieqfu fuq saqajhom u jintebħu li huwa fl-interess tad-dinja li nazzjonijiet dgħajfa jiżviluppaw u jistagħnew.

Bl-istess mod, fil-Ġnus Magħquda, mhux sewwa li ċerti pajjiżi jħaddnu poter u influwenza eċċessiva, jew li membri permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà jinteressahom biss mill-interessi partikolari tagħhom u jużaw is-saħħa tal-veto saħansitra meta jkunu f'kunflitt mal-interessi

**NAZZJONIJIET DGĦAJFA ĦAFNA DRABI HUMA MĠIEGĦLA JISTRIEĦU FUQ L-GĦAJNUNA TA' PAJJIŻI AKTAR B'SAĦĦITHOM U GĦONJA, U GĦALHEKK DAWN TAL-AĦĦAR GĦANDHOM JARAW LI JONORAW IL-FIDUĊJA LI JURU FIHOM IL-PAJJIŻI ANQAS ŻVILUPPATI MINNHOM EKONOMIKAMENT. GĦANDHOM VERAMENT JIPPRUVAW JGĦINUHOM JIEQFU FUQ SAQAJHOM.**

tal-maġġoranza. Pjuttost, il-membri kollha tal-Ġnus Magħquda għandhom jaħdmu flimkien u jonoraw il-patt ta' fiduċja li fuqu twaqqfet l-istituzzjoni – li jinżammu l-paċi u s-sigurtà fid-dinja. Jekk in-nazzjonijiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali kollha jwarrbu l-interessi personali limitati tagħhom għall-ġid komuni, mela l-kunflitti li qed jimpestaw lid-dinja jmutu mewta naturali.

Sfortunatament, id-dinja bħalissa miexja fid-direzzjoni opposta, fejn il-gvernijiet Musulmani ttraskuraw lill-popli tagħhom, u l-interessi personali saru l-karatteristika ewlenija tal-qawwiet maġġuri u tal-membri b'saħħithom tal-Ġnus Magħquda. B'hekk, il-pajjiżi la qed jonoraw il-fiduċja li titpoġġa fihom u lanqas mhuma jaġixxu b'ġustizzja u ekwità. Dan l-aħħar, l-Assistent Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda li kien hemm qabel, Anthony Banbury, ippubblika artiklu fejn semma l-fallimenti tal-organizzazzjoni li kien jaħdem magħha. Il-kitba tiegħu fin-*New York Times* tgħid:

> **"Jiena nħobb il-Ġnus Magħquda iżda qed tfalli. Hemm wisq burokrazija u ftit riżultati. Hemm wisq deċiżjonijiet li jittieħdu għal raġunijiet politiċi, aktar milli biex isegwu l-valuri u l-objettivi tal-Ġnus Magħquda jew għall-fatti veri …"**

Huwa jkompli jgħid:

> **"Biex il-Ġnus Magħquda tkompli timxi 'l quddiem jeħtieġ li tagħmel analiżi bir-reqqa u għalhekk bord indipendenti għandu jifli s-sistema u jirrakkomanda t-tibdiliet."**

Għaldaqstant, anki dawk li huma midħla sewwa tal-Ġnus Magħquda qed jaraw fid-dieher id-difetti tagħha u l-fatt li hija falliet fil-missjoni tagħha li żżomm il-paċi u s-sigurtà fid-dinja. F'termini ta' żbalji tal-politika barranija tal-Punent, l-aqwa eżempju fl-aħħar snin huwa dak tal-Gwerra tal-Iraq fl-2003. L-eks Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit, David Miliband, li bħalissa huwa l-President tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salvataġġ, tkellem ftit ilu dwar l-effetti fit-tul ta' dik il-gwerra. Filwaqt li tħaddet dwar l-instabbiltà kontinwa u t-terroriżmu fl-Iraq, matul intervista f'*The Observer*, is-Sur Miliband stqarr:

> **"Huwa evidentement ċar li l-invażjoni tal-Iraq, jew aktar importanti dak li seħħ wara, hija fattur sinifikanti biex nifhmu s-sitwazzjoni attwali fl-Iraq."**

Meta mistoqsi jekk Saddam Hussein kienx ikun kapaċi li jżomm il-pajjiż magħqud u ma jippermettix l-indħil ta' gruppi bħall-Istat Iżlamiku, huwa ammetta li din kienet

BIEX IL-ĠNUS MAGĦQUDA
TKOMPLI TIMXI
’L QUDDIEM JEĦTIEĠ LI
TAGĦMEL ANALIŻI
BIR-REQQA U GĦALHEKK
BORD INDIPENDENTI
GĦANDU JIFLI S-SISTEMA
U JIRRAKKOMANDA
T-TIBDILIET.

possibbiltà ċara. Din kienet ammissjoni minn membru parlamentari Britanniku li kien ivvota favur il-Gwerra fl-Iraq. Bl-istess mod, kittieb regolari magħruf tal-gazzetti, Paul Krugman, ftit ilu kiteb fin-*New York Times* li:

> **"Il-gwerra tal-Iraq ma kinitx żball innoċenti, sogru li ttieħed fuq il-bażi ta' ġbir ta' informazzjoni li mar żmerċ. Il-ġustifikazzjonijiet pubbliċi ma kienu xejn ħlief skużi, anzi falsifikazzjonijiet."**

Għaldaqstant, anki dawk li fil-bidu qablu mal-Gwerra tal-Iraq, jew li kienu difensuri tal-Ġnus Magħquda, kellhom jammettu l-iżbalji tagħhom u l-konsegwenzi gravi tal-azzjonijiet tagħhom. M'hemm l-ebda dubju li dawn l-inġustizzji farrku s-sisien tal-paċi fid-dinja u taw lok lill-gruppi terroristiċi bħall-Istat Iżlamiku biex jinbtu u jitkattru. Dawn il-gruppi llum mhumiex biss theddida għad-dinja Musulmana iżda għall-umanità kollha. Madanakollu, xorta ma jidhirx li d-dinja qed titgħallem mill-iżbalji tal-passat. L-inġustizzja tal-politika barranija għadha komuni ħafna u qed toħloq il-kunflitti f'għadd ta' pajjiżi, b'konsegwenza ta' ħafna mwiet ta' rġiel, nisa u tfal innoċenti. Xi qawwiet maġġuri għadhom jagħtu prijorità fuq kollox lill-interessi kummerċjali tagħhom u għalhekk qed ibigħu armamenti sofistikati ħafna lil pajjiżi oħra, anki fejn hemm evidenza ċara li din l-artillerija qed tintuża biex toqtol jew timmanka nies innoċenti u teqred ħajjiet bla għadd.

XI PAJJIŻI KBAR QED IBIGĦU L-ARMAMENTI LILL-GVERNIJIET MUSULMANI, FILWAQT LI GVERNIJIET OĦRA QED IBIGĦU L-ARMAMENTI LILL-FAZZJONIJIET TAR-RIBELLI FL-ISTESS PAJJIŻI.

Dak li qed ngħid mhu xejn ġdid jew hu xi sigriet, anzi ilu ħafna fid-dominju pubbliku. Pereżempju, għadd ta' pajjiżi tal-Punent għadhom ibigħu l-armamenti lill-Arabja Sawdita biex jintużaw kontra l-poplu tal-Jemen. L-ebda pajjiż Musulman m'għandu fabbriki tal-armamenti estensivi li jipproduċu dawn il-kwantitajiet enormi ta' armi qerrieda, u għalhekk l-uniku sors tagħhom huwa d-dinja tal-Punent.

Xi pajjiżi kbar qed ibigħu l-armamenti lill-gvernijiet Musulmani, filwaqt li gvernijiet oħra qed ibigħu l-armamenti lill-fazzjonijiet tar-ribelli fl-istess pajjiżi.

Għalhekk iż-żewġ naħat qed jiġu mxewxa u armati minn barra l-pajjiż. Fi kliem sempliċi, kieku dawn in-negozjati kellhom jieqfu, il-pajjiżi Musulmani ma jkollhomx armamenti biex jissieltu ma' xulxin. Saħansitra kittieba u kummentaturi mill-Punent tkellmu fuq l-ipokrisija u l-immoralità ta' dan il-kummerċ internazzjonali, iżda meta jkunu mistoqsija dwar dan il-bejgħ, il-gvernijiet jew jinjoraw il-mistoqsija jew ifittxu li jiġġustifikaw dak li evidentement mhux ġustifikabbli. Dawn jimpurtahom biss miċ-ċekkijiet tagħhom biex il-biljuni jingħaddu mal-baġits nazzjonali tagħhom. Fil-qasir, il-flus jitkellmu u l-moralità ma tidher imkien. Allura kif jista' jkun li tirrenja l-paċi f'dan l-ambjent?

Il-gruppi terroristiċi għandhom ukoll il-ħila li jiksbu ammonti kbar ta' armamenti peżanti u fondi li donnhom

ma jispiċċaw qatt. Jiena ħafna drabi nistaqsi kif inhu possibbli li l-grupp terroristiku tal-Istat Iżlamiku sar daqshekk sinjur. Minn fejn jikseb il-miljuni tiegħu? Għaliex il-flus ma jispiċċaw qatt? Kif ikompli jinnegozja ż-żejt u jixtri l-armamenti? Il-potenzi tal-Punent u l-Ġnus Magħquda rnexxielhom jimponu sanzjonijiet ristrettivi ħafna fuq pajjiżi b'saħħithom, madanakollu għal xi raġuni ma rnexxilhomx irażżnu l-iffinanzjar ta' gruppi bħall-Istat Iżlamiku. Anki issa, minkejja l-aħħar tentattivi biex jirristrinġu l-finanzjament tal-Istat Iżlamiku, il-grupp jibqa' jikseb miljuni ta' dollari.

Reċentement, il-Ministru għas-Sigurtà Nazzjonali Kanadiż ħabbar li l-Gvern Kanadiż mhux se jibqa' jirreferi għad-Daesh bħala "Stat Iżlamiku". Huwa qal li Daesh la huwa Iżlamiku u lanqas huwa Stat. Il-kummenti tiegħu kienu validi u jixhdu li l-gvernijiet tal-Punent huma konxji mill-fatt li dan it-terroriżmu mhuwiex imsejjes fuq l-Iżlam. Madanakollu, fl-istess ħin, ma ttieħdu l-ebda miżuri effettivi biex iwaqqfu l-iffinanzjar u t-tkabbir ta' dawn il-gruppi. Tkellimt fit-tul dwar in-nuqqas ta' ġustizzja li hawn fid-dinja u għalhekk issa se nfisser x'inhu l-kunċett tal-ġustizzja għall-Iżlam. Minħabba li l-ħin huwa limitat, se nikkwota biss żewġ versi mill-Koran Imqaddes li juru l-aqwa tagħlim tal-Iżlam li jirrigwarda s-sens ta' ġustizzja u ekwità.

Kapitlu 4, vers 136 tal-Koran Imqaddes jistqarr:

> **“Intom li temmnu! Osservaw il-ġustizzja b’rigorożità, u kunu xhieda t’Alla, anki jekk teħduha kontrikom stess, jew kontra l-ġenituri u l-qraba. Jekk wieħed ikunx sinjur jew fqir, Alla jieħu ħsiebhom it-tnejn ħafna aktar minnek. Għalhekk, aqta’ x-xewqat baxxi tiegħek ħalli tkun kapaċi taġixxi b’ġustizzja. U jekk inti taħbi l-verità jew taħrab, dejjem ftakar li Alla jkun jaf sewwa x’inti tagħmel.”**

F’din is-silta, il-Musulmani ġew struwiti biex ikunu lesti jixhdu kontra tagħhom stess u kontra l-membri tal-familja ħalli tiġi stabbilita l-verità u biex titwettaq il-ġustizzja. Il-lealtà ta’ Musulman lejn il-verità għandha tieħu preċedenza fuq kollox. Aktar ’il quddiem, f’kapitlu 5, vers 9 tal-Koran Imqaddes, Alla l-Omnipotenti jiddikjara:

> **“Intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża t’Alla, billi tagħtu xhieda b’sens ta’ ġustizzja; u tħallux il-mibegħda ta’ poplu tqanqalkom biex taġixxu b’mod ħlief bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, għax hekk toqorbu lejn l-onestà. U ibżgħu minn Alla. Tabilħaqq, Alla jaf fis-sew dak li tagħmlu.”**

Wara li ta struzzjonijiet lill-Musulmani biex ikunu lesti

li jixhdu kontrihom stess, hawnhekk il-Koran qed jordnalhom biex ikunu onesti u ġusti ma' kulħadd, saħansitra mal-għedewwa u r-rivali tagħhom. Dan hu l-livell għoli ta' ġustizzja li jħaddan l-Iżlam u għalhekk jekk illum il-gvernijiet Musulmani mhumiex qed isegwu dan it-tagħlim mela huwa tort tagħhom. Għaldaqstant, huwa assolutament żbaljat u inġust li jeħel l-Iżlam għall-għemil ħażin tagħhom.

Aktar minn hekk, nerġa' ngħid li d-dinja tal-Punent mhijiex innoċenti u sta għalihom li jwarrbu l-interessi personali tagħhom u li jaħdmu bla interess għal ġejjieni aħjar u isbaħ għal uliedna u għall-ġenerazzjonijiet li jmiss. Jekk il-politika tkun imfassla fuq il-pedamenti sodi tal-ġustizzja u l-integrità, mela awtomatikament il-kunflitti li ħakmu lid-dinja jistgħu jiġu solvuti mingħajr ma wieħed ikollu bżonn li jirrikorri għall-vjolenza, tixrid ta' demm u moħqrija. Jekk verament nixtiequ l-paċi fi żmienna mela rridu naġixxu b'ġustizzja. Irridu napprezzaw l-ugwaljanza u l-onestà.

Jekk aħniex Musulmani jew le xorta għandna nsegwu l-prinċipji universali ta' ġustizzja li huma mniżżla fil-Koran Imqaddes. Kif stqarr b'mod poetiku l-Profeta tal-Iżlam[sa], għandna nħobbu għall-oħrajn dak li nħobbu għalina nfusna. Għandna nosservaw id-drittijiet tal-oħrajn bl-istess entużjażmu u determinazzjoni li nosservaw id-drittijiet tagħna. Għandna nwessgħu l-orizzonti tagħna u nħarsu lejn dak li huwa sewwa għad-dinja, u mhux biss

dak li jgħodd għalina. Dawn huma l-mezzi għall-paċi fi żmienna.

Mill-qigħan ta' qalbi, nitlob li Alla l-Omnipotenti jagħti d-dehen lil kulħadd u lin-nazzjonijiet kollha ħalli b'dan l-ispirtu altruwist jaħdmu flimkien għat-titjib tal-umanità. B'dan il-kliem nirringrazzjakom – grazzi ħafna."

**"Justice in an Unjust World."** This is a Maltese translation of a historic lecture delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul-Masih V[aba], Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community, at York University in Toronto in front of academics, politicians, media and thought leaders, on 28th October 2016.

**www.ahmadiyya.mt**

9 789995 759285